# IL-ĦAJJA KULTURALI MALTIJA FI ŻMIENNA

*Ta'* G. ZARB ADAMI

JEKK wieħed iqalleb il-paġni ta' l-istorja ta' artna, isib li sa-ħansitra miż-żmien meta pajjiżna kien maħkum mill-Belt kbira ta' Ruma, il-movimenti politiċi dejjem kellhom effett kbir fuq l-ekonomija tal-pajjiż; filwaqt li l-politika u l-ekonomija flimkien dejjem effettwaw ħafna l-ħajja sew soċjali kemm intellettwali tagħna. U billi Malta għaddiet minn idejn bosta ġnus li daħħlu hawn is-sistemi tagħhom, min għal żmien twil, min għal iqsar, it-taħwid ma setax jonqos u l-iżvilupp kulturali ma sabx dejjem triq watja quddiemu, imma ried ħafna drabi jirbaħ tfixkil kbir.

Fost dan it-tibdil u taħwid niltaqgħu ma' fattur ta' importanza kbira fl-effetti tiegħu, fix-xejriet kollha tal-ħajja Maltija, li baqa' dejjem kustanti: dan hu l-imħabba u l-ġibda għad-Din nisrani li baqgħu dejjem f'qalb il-Maltin mindu l-Appostlu tal-Ġnus għammed lil missirijietna u għamilhom insara. Fattur ieħor ta' min jinnota hu li l-kotra tal-Maltin dejjem ftiehmu bejniethom b'ilsien xort'oħra minn dak tal-ħakkiema tagħhom, għalkemm kif inhu minn awl id-dinja dan l-ilsien ma naqasx li ddakkar mill-ilsna differenti li kienu jitkellmu l-ħakkiema barranin.

Dan biex insemmu b'mod ġenerali u fil-qosor kemm jista' ikun dawk il-ħafna kawżi li ftit jew wisq għadhom jinħassu fl-iżvilupp intellettwali ta' żmienna.

Huma bosta l-organizzazzjonijiet jew xirkiet fostna li l-iskop ewlieni tagħhom hu l-koltivazzjoni tal-moħħ, u naturalment fil-qasam tal-ħsieb l-ewwel post hu ta' l-Università Rjali. Imwaqqfa mill-Gran Mastru Pinto, hi l-eqdem fl-Imperu Ingliż; iżda hu biss minn xi sentejn 'l hawn li bdiet tgawdi l-awtonomija — pass li nittamaw ser ikun ta' ġid għall-progress tat-tagħlim. Fl-istitut tagħna sar xi tibdil ukoll, u fost affarijiet oħra twaqqfu xi korsijiet ġodda ta' studju — fosthom biex insemmu wieħed il-Baċellerat fl-Edukazzjoni — li b'mezz tagħhom irġiel u nisa jistgħu jissoktaw jistudjaw filgħaxija wara li jispiċċaw mix-xogħol ta' ma' tul il-ġurnata.

Imma qalb l-istudenti nsibu bosta attivitajiet oħra li x'aktarx jiżvolġu ruħhom barra mill-ħitan ta' l-Università nnifisha, għaliex l-istudenti, imħeġġa mill-ispirtu ta' l-Alma Mater tagħhom u mmexxija mill-professuri tagħhom, jgħaqqdu bejniethom kemm-il xirka lkoll bi skop kulturali kif wieħed malajr jinduna minn isimhom: The Theological Society, l-Għaqda tal-Malti, Il-Law Society, biex insemmi l-ewwel tlieta li jiġuni f'moħħi; dawn jikkonċentraw l-enerġiji tagħhom fuq xi fergħa speċjali tal-għerf, jippubblikaw ġurnali jew jagħmlu konferenzi, jikkoltivaw l-arti drammatika u mużikali, u jorganizzaw xogħlijiet teatrali u kunċerti.

Għandna wkoll soċjetajiet oħra, li għalkemm mhumiex universitarji fil-veru sens tal-kelma, huma x'aktarx iffurmati minn gradwati. Fost dawn ta' min isemmi l-Virgil Society li tistudja l-ħajja fi żmenijiet klassiċi u l-British Medical Association li tagħti konferenzi sabiex tfisser il-progress modern fil-kamp taxxjenza u tal-mediċina.

Iżda fost dawn ix-xirkiet kollha l-post ta' l-unur forsi jisthoqq lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li, għalkemm il-Membri Akkademiċi tagħha, xi sebgħin, mhumiex ilkoll ulied l-Università, hi f'ċertu sens esklużiva għaliex ħadd ma jinħatar membru akkademiku jekk qabel ma jkunx kiteb u ippubblika xogħlijiet ta' fejda għal-Letteratura Maltija. Għalkemm żgħira fil-għadd tal-membri, l-influwenza ta' din is-soċjetà hi kbira kif jidher mill-fatt li l-istatus tal-Malti llum, wara tant snin ta' indifferenza jekk mhux stmerrija, nafuh l-aktar għall-ħidma tagħha bla waqfien, kif ukoll ta' xirkiet oħra li ħarġu minnha u li mhumiex imwaqqfa biss f'Malta, imma wkoll f'bosta bliet ta' artijiet oħra, fejn, il-lum bogħod minn arthom, imma mgħaqqdin magħha birrabta tar-Reliġjon u ta' l-Ilsien, jinsabu jgħixu għadd kbir ta' Maltin.

Għalkemm l-iskop ewlieni tal-British Institute hu li jxerred il-koltura Ingliża, dan ma jbarrix l-iskop l-ieħor li jlaqqa' magħha l-koltura Maltija. F'dan l-istitut l-attivitajiet kulturali kważi ma jaqtgħux: il-letteratura, ix-xogħol tal-palk, il-mużika u l-bqija ta' l-arti lkoll għandhom sehem fil-programm ġdid ta' kull sena.

Mill-banda l-oħra, il-Malta Cultural Institute hu, biex ngħid hekk Malti għal kollox; iżda l-ħidmiet tiegħu huma mill-aktar varji u fost l-oħrajn iħaddan attivitajiet li jsiru f'diversi ilsna

barranin. Dan l-istitut m'ilux li twaqqaf u l-ħajja tiegħu tiddependi kważi għal kollox minn kontribuzzjonijiet lokali, imma ġa għaraf jonqox u jorqom nieċa fil-qasam kulturali.

Minn ftit tas-snin 'l hawn il-palk malti reġa' ħa r-ruħ, anzi nistgħu ngħidu li l-produzzjonijiet tal-lum huma aktar artistiċi minn dawk ta' qabel għalkemm għadhom ma laħqux il-livell għoli li wieħed jixtieq. Il-Malta Drama League u l-K.O.P.T.E.M. huma żewġ xirkiet li jagħmlu konkorsi bejn id-diversi kumpanniji drammatiċi li għandna sabiex iħajru lill-kittieba jipproduċu xogħlijiet oriġinali u tajba u lill-kumpaniji jagħtu produzzjonijiet dejjem aħjar.

F'din it-taħdita qasira jixraq li nsemmu wkoll lil dawk ix-xirkiet li għalkemm l-iskop ewlieni tagħhom mhux kulturali jħajru lis-soċi tagħhom jikkoltivaw moħħom. Fost dawn għandna l-Malta Union of Teachers, il-General Workers Union, is-Civil Service Sports Club u l-bosta każini tal-banda, ċirkoli u istituzzjonijiet reliġjużi.

F'Malta, imbagħad, kull tant żmien isiru akkademji f'ġieh xi qaddis, xi persunaġġ għoli jew biex jikkommemoraw xi ġrajja kbira li fihom jiggareġġaw bejniethom il-letteratura u l-mużika u l-kant. Dari l-opra kellha sehem kbir fil-ħajja soċjali; fil-gwerra dan ma baqax iseħħ, iżda minn xi tliet snin 'l hawn ix-xewqa popolari kellha tkun milqugħa u rġajna bdejna naraw għadd ta' opri li fihom bdew jieħdu sehem artisti maltin li ma jagħmlux għajb lil sħabhom ta' barra, tant li t-talent tagħhom qed jissa jkun apprezzat barra mix-xtut ta' artna. Iċ-ċinematografu wkoll jista' jkollu effett kulturali — ħaġa li tidher mill-għadd kbir ta' nies li jmorru jaraw films imfaħħrin sew għall-artisti kemm għas-suġġett, u l-aktar meta dan ikun ibbażat fuq ktieb ta' xi awtur magħruf. Ta' sikwit ukoll isiru esibizzjonijiet ta' pittura, skultura, inċiżjonijiet, disinn u fotografija. Ħafna minnhom frott tal-ħidma li ssir fli School of Arts u xi soċjetajiet privati.

Il-Maltin iħobbu jisimgħu l-kelma ħajja ħierġa minn fomm xi konferenzier jew predikatur imsemmi; għalhekk ta' sikwit ikunu mistiedna fostna oraturi famużi biex jitkellmu fuq xi suġġett speċjali; in-nies mill-banda l-oħra tiffolla biex tisma' paneġiriċi jew prietki mogħtija minn xi saċerdot għaref u li ħafna drabi jkunu ġawhra ta' oratorja sagra; xandiriet popolari fuq elf

suġġett isiru ta' kuljum bir-Rediffusion u jwasslu frott bnin intellettwali f'dar is-semmiegħa.

Dan hu kwadru dgħajjef ta' l-iżvilupp kulturali fi żmienna—għax dan hu suġġett ta' studju profond li jitlob ħafna żmien. Iżda qabel ma ntemm nixtieqkom tinnutaw ħaġa waħda, jiġifieri li ħafna minn dawk l-attivitajiet kulturali li dari kienu għal ftit biss il-lum saru kważi għal kulħadd b'mezz ta' l-Ilsien Malti; dan it-tixrid ta' koltura fost il-poplu tagħna mela nafuh l-aktar lil dak il-għadd żgħir ta' qalbenin li tletin sena ilu waqqfu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u li minkejja l-għawġ kollu li ltaqgħu miegħu, baqgħu mixjin dritti fi triqthom imsaħħin mill-fehma qawwija li ħidmithom ser tkun ta' ġid kbir għall-poplu Malti kollu.